# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2101

**Kaz Numru 2751**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Sandra Nikolic**

**u**

**G.C.C.L. (Malta) HMD Fleet Management Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum it-Tnejn 26 ta' Settembru 2011**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar l-20 ta' Jannar 2010.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Sandra Nikolic, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, kienet meghjuna mill-Avukat Tonio Azzopardi.

2.2 Il-kumpanija G.C.C.L. (Malta) HMD Fleet Management Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata mill-Avukat Paul Gonzi.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

**Sandra Nikolic,** ir-rikorrenti, bdiet fl-impieg mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Hotel Manager* nhar l-20.04.09 fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien definit li jintemm nhar il-31.12.09. Fuq talba tar-rikorrenti stess, u bil-kunsens taz-zewg partijiet nhar id-19.05.09, waqt iz-zmien ta' prova ta'

tliet xhur kien iffirmat kuntratt gdid li kien identiku ghal dak precedenti izda ssostitwixxa l-kariga ta' *Hotel Manager* b'dik ta' *Assistant Hotel Manager*. Matul l-ewwel ghaxart ijiem wara l-bidla tal-kuntratt kienet imbarkat fuq l-istess vapur Ms. Ivanova fil-kariga ta' *Assistant Hotel Manager* biex tghin lir-rikorrenti f'dak li talbet sakemm tidhra s-sistemi u r-regolamenti tal-kumpanija intimata. Kmieni f'Mejju 2009 fuq talba ta' Patrick Schiehlen ir-rikorrenti qablet li terga' tibda tahdem fil-kariga ta' *Hotel Manager* fuq bazi permanenti. Bejn l-20.04.09 u t-22.09.09, meta mgharrfa dwar it-temma tal-impieg taghha, zewg rapprezentanti tal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Senior Hotel Manager* kellhom diversi laqghat mar-rikorrenti li kienu mfissra bhala *perfomance review meetings*. Minbarra hekk l-istess zewg persuni kkorrispondew mar-rikorrenti diversi drabi permezz ta' messaggi elettronici dwar allegati nuqqasijiet fil-qadi ta' dmirijietha. Nhar it-22 jew l-24.09.09 qabel ma r-rikorrenti rritornat lura minn *leave* li kienet talbet, il-kumpanija intimata gharrfitha li kienet qieghda ttemmilha l-impieg b'effett immedjat skont il-provvedimenti tal-kuntratt u li kienet ser tithallas ta' xahar avviz. Meta waslilha l-hlas dovut intebhet li thallset bir-rata ta' *Assistant Hotel Manager,* il-kariga li tidher fil-kuntratt validu minnflok bir-rata ta' *Hotel Manager* li kienet il-kariga li kienet qieghda tezercita matul l-ahhar xhur li hadmet. Intebhet ukoll li ma thallsitx spejjez ohra dovuti lilha, u li c-certifikat li nghatalha halla barra taghrif fattwali u essenzjali li ser itellifha fil-karriera taghha.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Rene Oosterhuis u Patrick Schiehlen xehdu ghall-kumpanija intimata permezz ta' affidavit.

4.2 Ir-rikorrenti xehdet ghaliha nnifisha viva voce.

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Ir-rikorrenti esebiet:

5.1.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz datata 25.02.10 konsistenti f'seba' pagni li jinkludu zewg dokumenti, immarkati Dok.X u Dok. Y.

5.1.2 Kopja ta' certifikat tal-impieg datat 09.10.09, immarkat Dok.SN2.

5.1.3 Kopja ta' messagg eletroniku konsistenti fi tliet pagni datat 15.10.09, immarkat Dok.SN1.

5.1.4 Nota ta' sottomissjonijiet datata 17.05.10 konsistenti f'zewg pagni depozitata fir-Registru tal-Qorti Superjuri

5.1.5 Nota ta' sottomissjonijiet datata 25.02.11 konsistenti fi tmien pagni depozitata fir-Registru tal-Qorti Superjuri.

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'hamsa u ghoxrin pagna li jinkludu hames dokumenti, immarkati Dok G.C.C.L.1 sa Dok. G.C.C.L. 5.

5.2.2 Nota ta' sottomissjonijiet fir-Registru tal-Qorti Superjuri datata 18.06.10 konsistenti fi hmistax -il pagna li jinkludu zewg dokumenti, immarkati Dok G.C.C.L. A u Dok. G.C.C.L. B

5.2.3 Nota fir-Registru tal-Qorti Superjuri datata 16.11.10 flimkien ma' messagg eletrroniku datat 27.08.09, immarkata Dok.PG2.

5.2.4 Nota fir-Registru tal-Qorti Superjuri datata 24.02.11 konsistenti fi tliet pagni.

5.2.5 Kopja ta' zewg digrieti tat-Tribunal Industrijali datati 16.01.92 u 16.05.94 fil-kaz Numru 583.

5.2.6 Kopja tad-decizjoni Numru 610 tat-Tribunal Industrijali datata 08.02.95 fil-kaz Numru 583.

5.2.7 Affidavit ta' Rene Oosterhuis datat 03.11.10, immarkat Dok.RO flimkien ma' tmien dokumenti, immarkati Dok.RO. 01, Dok. RO. 02, Dok. RO. 03 (i), Dok. RO. 03 (ii), Dop. RO. 04, Dok. RO. 05, Dok. RO. 06 (i) u Dok. RO. 06 (ii).

5.2.8 Affidavit ta' Patrick Schiehlen datat 11.05.10 flimkien ma' erba' dokumenti, immarkati Dk. PS01 sa Dok. PS 04.

5.2.9 Kopja ta' dokument bit-titlu HR Handbook datat 13.01.08, immarkat Dok.PG1.

## 6. Digriet

Nhar il-21.07.10 it-Tribunal Industrijali ta digriet fejn iddecieda li:

6.1 jilqa' l-eccezzjoni tal-kumpanija intimata li fiha ntqal li d-dispozizzjonijiet ta' l-artikli 36, 37 u 38 tal-Kapitli 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma jghoddux ghal dan il-kaz.

6.2 Is-smigh tal-kaz ghandu jitkompla skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 114(4) tal-Kapitlu 234 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-mertu tal-

provvedimenti tal-kuntratt li kien *in vigore* meta ntemm l-impieg tar-rikorrenti u dokumenti rilevanti ohra.

## 7. Gabra fil-qosor tax-xhieda

7.1 **Sandra Nikolic**, ir-rikorrenti, stqarret li bdiet fl-impieg mal-kumpanija intimata nhar it-02.05.09 fil-kariga ta' *Hotel Manager* fuq kuntratt iffirmat nhar il-21.04.09 fuq bazi *whole-time* ghal zmien definit sal-31.12.09. Murija d-dokumenti Dok.GCCL 2 u GCCL 4, ix-xhud spjegat li ghalkemm kellha esperjenza f'xoghol simili ma' kumpaniji marittimi ohra, il-fatt li bdiet fl-impieg minghajr *hand over* mill-precedessur taghha, u wkoll li l-kumpanija intimata kellha sistemi amministrattivi differenti fehmet li jkun xieraq li titlob biex tibda tahdem fil-kariga ta' *Assistant Hotel Manager*, tinghata t-taghrif u t-tahrig mehtieg u wara tinghata l-opportunitac li terga' tibda tahdem fil-kariga ta' *Hotel Manager*. Il-kumpanija intimata qablet li jsir hekk u l-partijiet iffirmaw kuntratt gdid ghall-kariga ta' *Assistant Hotel Manager* b'sehh retroattiv ghad-data ta' l-ewwel kuntratt. Lejn tmiem Mejju 2009, wara li kisbet it-taghrif u t-tahrig li xtaqet, u fuq stedina tas-*Senior Hotel Manager* Patrick Schiehlen, accettat li terga' tibda tahdem fil-kariga ta' *Hotel Manager.* Il-precedessur taghha twarrab, imbarkat impjegata ohra fil-kariga ta' *Assistant Hotel Manager* u nhar it-02.06.09 hi regghet bdiet tahdem fil-kariga u tithallas ta' *Hotel Manager,* izda ma giex iffirmat kuntratt gdid biex jirrifletti dan l-allegat ftehim. Matul Lulju, Awwissu u Settembru 2009 kompliet tahdem fil-kariga ta' *Hotel Manager*. Wara li hadet il-*leave,* xtrat biljett ta' l-ajru biex terga' lura ghax-xoghol, u erbat ijiem qabel terga' timbarka rceviet telefonata fejn kienet mgharrfa li l-impieg taghha kien qieghed jintemm bl-avviz kuntrattwali ta' xahar. Din id-decizjoni kienet konfermata aktar tard b'ttra. Meta xi zmien wara rceviet il-hlas dovut lilha skopriet li minflok thallset bir-rata tal-kariga ta' *Hotel Manager,* thallset bir-rata ta' *Assistant Hotel Manager.* Ir-rikorrent kompliet tghid li ghalkemm il-process tat-temma ta' l-impieg ghal dak li ghandu x'jaqsam maz-zmien ta' avviz sar skont il-provvedimenti tal-kuntratt, ir-raguni ghat-temma tal-impieg kienet ingusta ghaliex hi ma nghatatx opportunitac biex tiddefendi ruha kontra l-akkuzi li sarulha. Murija d-dokumenti immarkata PS01, PS02, PS03 u PS04, ir-rikorrenti ammettiet li kien hemm okkazjonijiet meta s-*Senior Hotel Managers* kienu kellmuha dwar nuqqasijiet amministrattivi, izda rrepetiet li meta ntemmilha l-impieg dan sar minghajr opportunita' ta' difiza li jirrizulta mill-istess procedura li tidher fil-*Human Resouces Handbook* tal-kumpanija intimata li jghodd ghal kulhadd.

7.2 **Rene Oosterhuis,** li ilu impjegat mal-kumpanija intimata ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, u prezentement jokkupa l-kariga ta' *Senior Hotel Manager,* stqarr li kien involut mill-bidu fil-kaz tal-impieg u t-temma tal-impieg tar-rikorrenti. Wara l-intervista ghall-impieg li kkonduca hu stess

offra lir-rikorrenti kuntratt ta' impieg *whole-time* ghal zmien definit bejn l-24.04.09 u l-31.12.09 fil-kariga li r-rikorrenti applikat ghaliha, dik ta' *Hotel Manager.* Wara zmien qasir fl-impieg ir-rikorrenti talbet li titpogga fil-kariga ta' *Assistant Hotel Manager* sakemm tiffamiljarizza ruha mal-kultura, ir-regolamenti, u s-sistemi tal-kumpanija intimata. Ix-xhud zied jghid li wara zmien qasir kien talabha tissostitwixxi lill-precedessur taghha ghal xi zmien minhabba li dan kien ser ikun trasferit fuq bastiment iehor, u minkejja li hi wriet li ma tixtieqx tilqa' t-talba, irnexxielu jipperswadiha. Ghal din il-bidla ma sarx kuntratt ghaliex il-kuntratt li kellha r-rikorrenti fil-kariga ta' *Assistant Hotel Manager* kien jipprovdi biex f'okkazjonijiet bhal dawn l-impjegat jinghata hlas addizzjonali li jirrifletti x-xoghol li jkun qieghed jaghmel. Fl-istess waqt il-kumpanija intimata baghtet impjegata ohra biex tghinha fix-xoghol taghha. Maz-zmien beda jirrizulta li x-xoghol tar-rikorrenti f'diversi taqsimiet kien anqas minn dak mistenni. Minhabba f'hekk kemm hu kif ukoll kollega iehor tieghu bl-istess kariga ltaqghu mar-rikorrenti diversi drabi biex jghidulha bin-nuqqasijiet taghha, u dahlu f'korrispondenza maghha biex jghidula bl-ilmenti li kienu qieghdin jaslulhom minn Dipartimenti ohra tal-kumpanija intimata. Minhabba li ma sarx it-titjib mixtieq kien deciz li jintemm l-impieg tar-rikorrenti bil-mod ipprovdut fl-istess kuntratt.

7.3 **Patrick Schiehlen,** impjegat fil-kariga ta' *Senior Hotel Manager* mal-kumpanija intimata, stqarr li r-rikorrenti bdiet fl-impieg attiv fil-kariga ta' *Hotel Manager* mal-kumpanija intimata nhar it-02.05.09 fuq il-vapur River Harmony. Zmien qasir wara li bdiet, fuq talba taghha stess, tnizzlet fil-kariga ta' *Assistant Hotel Manager* u ffirmat kuntratt b'effett retroattiv ghall-bidu tal-impieg li jirrifletti l-kariga gdida. Ix-xhud zied jghid li bejn it-12.05.09 u l-25.05.09 zar il-vapur tliet darbiet biex jissorvelja x-xoghol tar-rikorrenti u ta' ohrajn. Matul dawn iz-zjarat iddiskuta mar-rikorrenti n-nuqqasijiet amministrattivi taghha li ngiebu ghall-attenzjoni tieghu kemm minghand kapijiet ta' Dipartimenti ohra, kif ukoll mill-figuri li jirrizultaw mill-istatistika li tinzamm ta' kull vapur. Matul iz-zjara tal-25.05.09 ir-rikorrenti accettat li b'effett mit-03.06.09 tibda tahdem fil-kariga ta' *Hotel Manager* ghal zmien temporanju, u ghal dan thallset paga oghla skond kif jipprovdi l-istess kuntratt. Irrizulta li matul iz-zmien taghha fl-impieg fiz-zewg karigi li okkupat, il-kontribut taghha kien u baqa' taht il-livell mistenni mill-kumpanija intimata, u minhabba f'hekk il-kumpanija intimata temmet l-impieg skond il-provvedimenti tal-kuntratt.

## 8. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

8.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Paul Gonzi ghall-kumpanija intimata stqarr li:

8.1.1 L-argumenti kollha tal-kumpanija intimata qeghdin isiru fil-kuntest tad-digriet tat-Tribunal Industrijali, il-provvedimenti rilevanti tal-kuntratt tal-impieg li kien *in vigore* nhar it-22.09.09 u wkoll il-provvedimenti rilevanti tal-Artiklu 114(4) tal-Kapitlu 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

8.1.2 It-temma tal-impieg b'avviz ta' 30 jum saret b'konformita mal-klawsola 9.2 tal-kuntratt tal-impieg. Din l-istess klawsola timmanifesta li kien hemm kunsens reciproku bejn il-partijiet ghall-mod kif seta' jintemm l-impieg f'cirkustanzi differenti.

8.1.3 Fil-kaz li t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-temma tal-impieg ma saritx skont il-provvedimenti tal-klawsola 9.2 tal-kuntratt tal-impieg, il-kumpanija intimata tikkontendi li kellha ragunijiet bizzejjed li ttemm l-impieg xorta wahda skont il-provvedimenti tal-klawsola 9.4 tal-istess kuntratt.

8.1.4 Il-fatt li nhar it-02.06.09 ma kienx iffirmat kuntratt gdid li jibdel il-kariga u l-hlas rilevanti, hu prova cara li r-rikorrenti assumiet id-doveri ta' *Hotel Manager* ghal zmien temporanju. Dan kollu kien konformi mal-klawsola 3.3 tal-kuntratt tal-impieg.

8.1.5 M'hemmx lok li l-kumpanija intimata tohrog certifikat iehor differenti ghat-temma tal-impieg, ghaliex dak li harget ga jirrifletti precis is-servizz tar-rikorrenti matul l-impieg taghha mal-kumpanija intimata.

8.1.6 Il-hlasijiet li nghataw lir-rikorrenti kemm waqt u kemm wara t-temma tal-impieg kienu skont il-kuntratt tal-impieg *in vigore*.

8.1.7 In-nuqqasijiet fil-qadi ta' dmirijiet ir-rikorrenti kienu mgharrfa lilha waqt laqghat li saru maghha u kienu ammessi minnha. Kien biss minhabba li ma kienx hemm titjib fl-attivitajiet indikati lilha li l-kumpanija intimata ddecidiet li ttemm l-impieg tar-rikorrenti.

8.1.8 Il-kumpanija intimata agixxiet konformi mal-principji ta' evalwazzjoni u smigh xieraq anki jekk il-proceduri li jidhru fil-*Handbook* ma japplikawx ghar-rikorrenti.

Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jiddikjara li t-temma tal-impieg tar-rikorrenti kienet gusta u ekwa skont il-kuntratt tal-impieg, u ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

8.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Tonio Azzopardi f'isem ir-rikorrenti stqarr li:

8.2.1 Jirrizulta mill-provi li ghaz-zmien wara t-02.06.09 il-kumpanija intimata intenzjonalment immizrapprezentat il-kariga tar-rikorrenti. Dan ghaliex ghalkemm meta wara gimaghtejn fl-impieg ir-rikorrenti, b'sens ta' dover u professjonalita talbet biex tahdem f'kariga anqas minn dik li kellha meta bdiet fl-impieg, il-kumpanija intimata kienet pronta bidlet il-kuntratt u naqqset il-paga, izda meta c-cirkustanzi regghu nbidlu ma ghamlitx l-istess.

8.2.2 Nhar it-22.09.09 ir-rikorrenti inghatat avviz ta' 30 jum ghat-temma tal-impieg bi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali "*audi alteram partem*". Dan sar minhabba allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet fil-qadi ta' dmirijietha, izda r-rikorrenti ma nghatatx l-opportunita biex ittejjeb il-kontribut taghha skont dak li hemm miktub fl-istess regolamenti tal-kumpanija intimata.

8.2.3 Ir-rikorrenti sofriet telf ta' salarju ghaz-zmien bejn it-23.10.09 u l-31.12.09 li jammonta ghad-differenza bejn is-salarju ta' *Hotel Manager* u *Assistant Hotel Manager* u tas-salarju shih bejn it-23.10.09 u l-31.12.09. Dan minbarra spejjez ohra li r-rikorrenti ghamlet biex tirritorna lura fuq il-vapur qabel ma waslilha l-avviz tat-temma tal-impieg.

8.2.4 Ir-raguni li nghatat lir-rikorrenti ghat-temma tal-impieg ma tinkwadra f'ebda sub artiklu tal-Artiklu 114 (4) tal-Kapitlu 234 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement it-temma tal-impieg saret bi ksur tal-Ligi.

Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jiddikjara li t-temma ta' l-impieg tar-rikorrenti saret bi ksur tal-Ligi u tal-kuntratt tal-impieg, u konsegwentement ghandu jaghti lir-rikorrenti kumpens xieraq li jirrifletti d-danni materjali li sofriet, u wkoll li jinhargilha certifikat minghajr kummenti negattivi.

**9. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

9.1 Is-sub 114(4) tal-Kapitlu 234 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghad-diversi modi kif ghandu jigi mitmum kuntratt tal-impieg ta' bahri li huma:

a. Bil-kunsens reciproku tal-partijiet fih; jew

b. Bil-mewt tal-bahri; jew

c. It-telfien ta' bastiment, jew jekk bastiment jispicca ma jkun tajjeb ghal xejn ghall-bahar; jew

d. Il-bejgh tal-bastiment; jew

e. Id-dekadenza taz-zmien.

9.2 L-Artiklu 9 tal-kuntratt tal-impieg bejn il-partijiet li kien *in vigore* meta ntemm l-impieg tar-rikorrenti:

a. Jammonta ghal kunsens reciproku ghall-mod kif ghandu jintemm l-istess kuntratt.

b. Jipprovdi ghall-erba' cirkustanzi identifikati bin-numri 9.1, 9.2, 9.3 u 9.4.

9.3 Jirrizulta mill-provi li:

a. Meta applikat biex tahdem mal-kumpanija intimata, ir-rikorrenti kellha access bikri u qrat il-kuntratt qabel ma ffirmatu.

b. Wara biss gimaghtejn ir-rikorrenti rega' kellha access bikri ghat-tieni kuntratt f'kariga ta' livell anqas li l-Artiklu 9 tieghu hu identiku ghall-istess Artiklu fil-kuntratt precedenti, u regghet iffirmatu.

c. Meta rceviet l-ittra tat-temma tal-impieg immarkata Dok.G.C.C.L. 5, ir-rikorrenti fehmet li t-temma tal-impieg kienet qieghda ssir skont il-provvedimenti tas-sub artiklu 9.2 tal-kuntratt tal-impieg, qablet maghha w iffirmata. Kien biss wara li ma thallsitx kif ippretendiet hi, li r-rikorrenti oggezzjonat ghall-allegati nuqqasijiet amministrattivi tal-kumpanija intimata u ghamlet riferenzi ghal cirkustanzi li jippartjenu ghas-sub artiklu 9.4 u mhux 9.2 tal-kuntratt tal-impieg.

d. Ic-certifikat tat-temma tal-impieg li nghata lir-rikorrenti ma jirriflettix is-servizz li r-rikorrenti hadmet f'kariga ta' *Hotel Manager,* u l-ahhar sentenza fic-certifikat fiha konnotazzjoni negattiva li tinkwadra f'dak li jidher fis-sub artiklu 9.4 minflok skont is-sub artiklu 9.2.

## 10. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jaqta' u jiddeciedi li:

10.1 Il-kompitu tat-Tribunal Industrijali f'kaz ta' allegazzjoni ta' tkeccija ingusta hu limitat li jikkonsidra biss provi rigwardanti jekk it-temma tal-impieg saritx skond il-ligi u l-kuntratt li kien *in vigore* meta ntemm l-impieg. Konsegwentement it-Tribunal Industrijali ma jistax jippronunzja ruhu dwar hlasijiet allegatament nieqsa.

10.2 It-temma tal-impieg tar-rikorrenti saret konformi mal-provvedimenti tas-sub artiklu 9.2 tal-kuntratt tal-impieg li hu konformi mas-sub artiklu 114 (4) (a) tal-Kapitlu 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

10.3 Galadarba ma nharget ebda akkuza lir-rikorrenti dwar il-kontribut taghha fiz-zewg karigi li okkupat, u lanqas ma kien hemm process dixxiplinarju intern, il-kumpanija intimata ghandha tohrog certifikat mibdul tat-temma tal-impieg li jinkludi riferenza ghas-servizz li r-rikorrenti tat kemm fil-kariga kuntrattwali kif ukoll fil-kariga ta' *Hotel Manager* li qdiet ghal xi zmien. Minbarra dan, konformi mal-artiklu rilevanti 9.2, fl-ittra tat-temma tal-impieg ghandu jinkiteb li t-temma tal-impieg saret bil-kunsens reciproku tal-partijiet.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il Centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**